

L-EUSPA tħabbar ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni #myEUspace!

EUSPA/PR/21/01 Praga 2 ta' Ġunju 2022

11-il kumpanija twiegħed li tirrevoluzzjona l-futur teknoloġiku tal-Ewropa bis-saħħa tal-ispazju.

Immedija f'Settembru 2021 bħala parti mill-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea CASSINI u bi premju fi flus ta' aktar minn EUR 1 miljun, #myEUspace hija waħda mill-akbar kompetizzjonijiet li qatt ġew organizzati mill-EUSPA.

L-innovaturi u l-imprendituri ġew sfidati biex jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw prodotti/applikazzjonijiet li jużaw id-*data* u s-servizzi mill-Programm Spazjali tal-UE. Filwaqt li s-soluzzjonijiet varjaw minn setturi diversi bħas-servizzi bbażati fuq il-post, il-mobbiltà intelliġenti, il-ġeomatika u l-agrikoltura intelliġenti, kollha jikkondividu pedament fl-użu tagħhom tad-*data* ta' Galileo jew ta' Copernicus kif ukoll jistimulaw is-sinerġiji bejn it-tnejn.

Ir-riżultati tal-kompetizzjoni ġew imħabbra matul Jum l-Intraprenditorija, avveniment organizzat fil-kwartieri ġenerali tal-EUSPA fi Praga. It-43 negozji ġodda aċċellerati kellhom l-opportunità li jippreżentaw l-ideat tagħhom quddiem xi wħud mill-aqwa investituri ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa, kif ukoll quddiem id-Direttur Ġenerali tad-DĠ DEFIS, Timo Pesonen.

"Permezz tal-Inizjattiva CASSINI, qed nappoġġaw l-innovazzjoni u t-tkabbir biex nagħtu l-opportunità lil ħafna talenti mhux sfruttati fl-Unjoni Ewropea. L-applikazzjonijiet ippreżentati illum matul Jum l-Intraprenditorija fl-EUSPA huma prova soda ta' dak li jista' jinkiseb meta nħalltu flimkien l-ispirtu intraprenditorjali, l-innovazzjoni u d-*data* Spazjali tal-UE" iddikjara Timo Pesonen.

"Id-*data* u s-servizzi spazjali qed jixprunaw l-innovazzjoni u qed jippermettu teknoloġiji fixkiela f'firxa wiesgħa ta' setturi," jgħid id-Direttur Eżekuttiv tal-EUSPA, Rodrigo da Costa. "In-negozji ġodda kienu partikolarment ħerqana li jħaddnu l-potenzjal offrut mill-Programm Spazjali tal-UE. Nixtieq nifraħ li-rebbieħa kif ukoll lill-parteċipanti għall-isforz li ddedikaw."

Wara ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet f'Jum l-Intraprenditorija, l-EUSPA bi pjaċir tħabbar pubblikament ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni #myEUspace:

Fi Track 1, l-innovaturi kellhom jiżviluppaw l-idea teoretika tagħhom fi prototip:

- **SANGENE:** Radar passiv integrat ibbażat fuq il-GNSS għad-detezzjoni u l-ewwel lokalizzazzjoni tal-ostakli
- **EO4ART:** Applikazzjoni tal-web għal prodotti artistiki u personalizzati bbażati fuq immaġnijiet bis-satellita miksuba fuq reġjun speċifiku ta' interess
- **ALTIWAVE:** L-għoli tal-mewġ reġjonali derivat mis-satelliti għas-settur tal-enerġija tal-baħar
- **Master Map:** Status awtomatiku ta' mmappjar tat-toroq għall-ottimizzazzjoni tal-manutenzjoni
- **VirtualCrop:** Applikazzjoni għal biedja ta' preċiżjoni sostenibbli li tbidel it-telefoni ċellulari f'għodod ta' ġbir u ta' analiżi tad-*data*
- **RIGOROUS:** L-iżvilupp u l-użu effiċjenti u effettiv ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-użu ta' algoritmi Intensivi b'mod Aleatorju għall-ottimizzazzjoni tar-rotot qrib il-ħin reali

...filwaqt li fi Track 2, l-innovaturi kellhom jibdlu l-prototip eżistenti tagħhom fi prodott biex wara jitnieda

fis-suq:

- **Pjattaforma tas-C-ITS:** Pjattaforma tas-C-ITS biex tiżdied is-sikurezza fit-toroq, imħaddma minn Galileo u Copernicus
- **E20.Green:** Pjattaforma intelliġenti mħaddma mill-GNSS, I-IA, I-EO u I-IoT biex tippermetti lill-kumpaniji tal-Ġestjoni tal-Kampijiet tal-Golf u tal-Ispazji Ekoloġiċi Urbani biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv I-assi, I-operazzjonijiet u I-għelieqi tal-art
- **SPAI:** Soluzzjoni għall-integrazzjoni faċli tal-analitika satellitari fil-prattiki ta' ħidma tal-utenti esperti u mhux esperti, bl-estrazzjoni tal-valur tal-EO permezz tal-IA mingħajr l-ebda sforz
- **SOILSPECT:** Monitoraġġ awtomatiku tas-saldu tal-art fis-siti tal-kostruzzjoni
- **Agricircle:** Dashboard għall-Eżiti tal-Agrikoltura Riġenerattiva

[Agra aktar hawnhekk](#)

Dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) tipprovdi servizzi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita sikuri u siguri, tippromwovi l-kummerċjalizzazzjoni tad-*data* u s-servizzi ta' Galileo, EGNOS u Copernicus u tikkoordina l-programm governattiv ta' komunikazzjoni bis-satellita GOVSATCOM li jmiss tal-UE. L-EUSPA hija responsabbli mill-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-UE. Billi trawwem l-iżvilupp ta' settur spazjali innovattiv u kompetittiv u tinvolvi ruħha mal-komunità Spazjali kollha tal-UE, l-EUSPA tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropej u għat-tranżizzjoni diġitali, is-sikurezza u s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha, filwaqt li ssaħħaħ l-awtonomija u r-reżiljenza tagħha.

Għal aktar informazzjoni:

Marie Ménard, Uffiċjal tal-Komunikazzjoni tal-EUSPA: Marie.Menard@euspa.europa.eu

Tel: +420 237 766 627 - Mobile: +420 602 619 776